UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA

# Il-Pożizzjoni tal-Malti f'Malta

Albert Borg u Manwel Mifsud

*F'Lulju ta' l-1992 kienet saret Laqgħa ta' l-Esperti dwar il-Pjanifikazzjoni tal-Lingwa f'Malta, organizzata minn numru ta' istituzzjonijiet flimkien. Dawn kienu l-Moviment Ewropew, EBLUL (il-Bureau Ewropew għal-Lingwi Użati Inqas [Brussell]), l-Akkademja tal-Malti, l-Istitut tal-Lingwistika fi ħdan l-Università ta' Malta u l-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali. Dak iż-żmien diġà kien hemm ċertu ferment minħabba l-kwistjoni tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fil-kamp lingwistiku kien hemm min kien qed jinkwieta dwar il-possibbiltà li l-Malti b'xi mod "jinbela'" minn lingwi ħafna ikbar minnu, li diġà kellhom l-istatus ta' lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni. Jekk illum ħafna minna għadhom isibuha ħaġa diffiċli jifhmu għaliex il-pajjiżi ta' l-Unjoni tant jinsistu fuq kwistjonijiet ta' identità kulturali u lingwistika, anki fil-każ ta' pajjiżi u lingwi żgħar bħalma huma tagħna, aħseb u ara dak iż-żmien meta bdejna nsiru iktar konxji mill-eluf ta' faċċati ta' leġiżlazzjoni u ta' dokumenti burokratiċi u amministrattivi oħra li joħorġu kull sena mill-organi differenti ta' l-Unjoni: donnu tant konna konxji miċ-ċokon fiżiku tagħna, li qajla stajna nimmaġinaw li seta' jkollna rieda soda biżżejjed biex fin-negozjati tas-sħubija ż-żewġ naħat jivvalorizzaw b'mod sodisfaċenti l-wirt kulturali leġittimu tagħna u jipproteġuh. Issa li l-Malti huwa lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, faċli wieħed jinsa l-biża'u l-qtigħ il-qalb li għaddejna minnhom f'xi mumenti, aħna u nwieżnu l-għażliet li bdew ifiġġu fuq ix-xefaq politiku ta' dak iż-żmien. Billi d-diskors li konna għamilna f'dik il-laqgħa qati*

*ma ġie ppubblikat, ħsibna li nippreżentawh hawnhekk minkejja l-mogħdija taż-żmien, u dan qed nagħmluh għal żewġ raġunijiet.*

*Minn banda dan id-diskors fih punti li naħsbu li għadhom validi fis-sitwazzjoni tal-lum: ngħidu aħna, il-ħtieġa li nippjanaw għall-Malti u għall-Ingliż flimkien, l-importanza ta' l-analiżi u tar-riċerka biex insiru nafu aħjar u b'iktar dettalji s-sitwazzjoni reali ta' l-użu tal-lingwa f'kull qasam tas-soċjetà; u fuq kollox, il-ħtieġa urġenti li titwaqqaf Istituzzjoni Nazzjonali għall-Pjanifikazzjoni Lingwistika. Forsi ma nkunux nimtlew bina nfusna meta naħsbu li s-sejħa li għamilna f'dan id-diskors kienet wieħed mill-ilħna li nstemgħu meta fl-aħħar, is-sena l-oħra, għaddiet il-Liġi mill-Parlament tagħna li twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti.*

*Mill-banda l-oħra, bil-mogħdija taż-żmien, iċ-ċirkustanzi nbidlu u d-dubju issa għeb, għax il-Malti issa ħa postu bħala lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, mhux bħala lingwa "inqas użata" kif forsi fehmu xi wħud f'dik il-Laqgħa ta' l-Esperti imma bħala l-lingwa nazzjonali ta' poplu sovran u ħerqan biex ikompli l-iżvilupp soċjali u kulturali tiegħu.*

*Dan huwa t-test tad-diskors tagħna ta' dakinhar.*

Illum iltqajna biex niddiskutu dwar il-pożizzjoni tal-Malti f'Malta. L-importanza ta' dan l-argument tidher, fost l-oħrajn, mill-ammont ta' korrispondenza li tinkiteb dwaru fil-ġurnali tagħna. Hemm min jidhirlu li l-Malti għandha tingħatalu importanza ikbar fis-soċjetà tagħna – oħrajn dlonk jisħqu li l-Malti qed nagħtuh importanza esaġerata u li għandu jċedi biċċa sewwa minn postu lill-Ingliż, li jaqdina aħjar fil-kuntatti barranija tagħna.

**It-tifsil għal-lingwa f'kuntest bilingwi**

Nistqarru mill-bidu li, fil-kuntest bilingwi Malti, kull diskors u kull tifsil għal-lingwa li jħares biss lejn il-Malti jidhrilna li hu parzjali. Minghalina, nippreferu nippjanaw għal-lingwa f'Malta bħala Lingwa, jiġifieri għall-abbiltà lingwistika tal-poplu tagħna, milli għall-Malti waħdu. L-ewwel mistoqsija li jmissna nistaqsu u nżommu l-ħin kollu quddiem għajnejna hija din: "Fl-oqsma differenti tal-ħajja tagħna, bħalma huma l-edukazzjoni, ix-xandir u l-ħajja pubblika, liema huwa l-medju li jaqdina l-aħjar biex naslu għat-twettiq tagħna bħala poplu b'identità tiegħu li jħares 'il quddiem?" U m'aħniex l-ewwel nies li qed inqiegħdu din il-mistoqsija. Qegħidha quddiemu, f'sitwazzjoni wisq differenti

minn tagħna, Mikiel Anton Vassalli mitejn sena ilu, u t-tweġiba li wasal għaliha nafuha lkoll. U qegħduha warajh bosta u bosta oħrajn, lingwisti, ħassieba u politiċi. U jekk qegħdin hawnhekk illum biex nitkellmu fuq il-qagħda tal-Malti, ifisser li wasal iż-żmien li nqiegħdu quddiemna l-istess mistoqsija fid-dawl tas-sitwazzjoni ġdida li hi tagħna u tagħna biss, u jeħtieġ li nsibu t-tweġiba li tgħodd għalina.

F'dan is-sens inħossu li f'xogħol bħal dan ikun l-aħjar li aħna, bħala nies impenjati direttament fil-ħidma tal-Malti, naħdmu id f'id ma' l-għalliema u l-promuturi tal-lingwa Ingliża f'Malta, biex nifhmu dejjem aħjar il-ħtiġijiet u l-interessi lingwistiċi tal-poplu tagħna fit-triq tal-progress intellettwali u kulturali tiegħu. Flimkien niċċaraw is-sehem li għandu jkollu kull ilsien fil-ħajja tal-poplu tagħna u nfasslu flimkien il-fruntieri li jiddetta r-rwol ta' kull wieħed miż-żewġ ilsna. Għax aħna żguri li, jekk fi gżiritna tmur lura xi waħda minn dawn iż-żewġ lingwi, il-ħsara li ssir ma tistax ma taffettwax l-abbiltà lingwistika tal-kelliem Malti, u allura wkoll lil-lingwa l-oħra. Bi tfassil oġġettiv u miftiehem, nistgħu naslu għal programm nazzjonali li jinqeda b'kull wieħed miż-żewġ ilsna biex iwassal lill-poplu tagħna għal maturità espressiva sħiħa permezz ta' bilingwiżmu koordinat.

**Il-Malti u "l-lingwi użati inqas"**

L-organizzaturi ta' din il-laqgħa ta' esperti talbuna nippreparaw rapport dwar il-pożizzjoni tal-Malti f'Malta bbażat fuq dokument imħejji mill-Akkademja Internazzjonali għal-Liġijiet dwar il-Lingwi. Dan id-dokument jiġbor fih ħamsa u għoxrin kriterju tal-Komunità Ewropea u tletin kriterju ieħor tal-Kunsill ta' l-Ewropa għal lingwi li fit-titlu uffiċjali ta' dan id-dokument jissejħu "*lesser used.*" Fil-fatt, mill-kontenut ta' dan id-dokument joħroġ ċar li din it-terminoloġija ta' "lingwi użati inqas" ma tfissirx għajr "lingwi ta' minoranza," u din l-espressjoni nsibuha msemmija espliċitament 'l hawn u 'l hemm fid-dokument innifsu (ngħidu aħna, il-Kriterju Nru 16 tal-Komunità Ewropea, u fi Kriterju Nru 2 (iii) tal-Kunsill ta' l-Ewropa).

L-ewwel ħaġa li trid tingħad hi li, fil-prinċipju, dan huwa proċediment żbaljat għalkollox. F'Malta, il-Malti mhuwiex "lingwa ta' minoranza," billi huwa l-lingwa nazzjonali tal-pajjiż; lanqas ma huwa "lingwa użata inqas," billi jitkellmuh bħala lsien nattiv il-maġġoranza l-kbira tal-Maltin. M'għandniex xi ngħidu, kieku l-Maltin kellhom jidħlu fl-Unjoni Ewropea, isibu li huma

minoranza fil-konfront tal-popolazzjonijiet l-oħra flimkien. Imma hekk ukoll isibu ruħhom it-Taljani, l-Ingliżi, il-Ġermaniżi u l-oħrajn kollha.

Għalhekk ma nistgħux naqblu li l-Malti jintefa' fl-istess keffa ta' dawk li jissejħu "ilsna tal-minoranza" jew "ilsna użati inqas." Lanqas ma nistgħu napplikawlu awtomatikament kriterji li tfasslu għal ilsna bħal dawn. Il-Malti f'Malta mhux il-Katalan fi Spanja jew il-Bretonu fi Franza. Il-Malti huwa, bir-rieda tal-maġġoranza Maltija, l-ilsien uffiċjali u nazzjonali ta' Malta, u li jonqos huwa – u nafu li mhux ftit – li nsarrfu din l-istqarrija f'termini prattiċi u napplikawhom bis-serjetà. It-terminoloġija "*minority languages*" u "*lesser used languages*," kif ukoll il-liġijiet maħsuba għalihom, tfasslu għal ilsna li huma mitkellma minn minoranza f'art fejn il-maġġoranza titkellem lingwa oħra, ilsna ta' popli li għaddew minn ġrajja ta' oppressjoni kulturali u lingwistika u qed jissieltu biex jaffermaw id-drittijiet ta' l-espressjoni tal-minoranza wisq drabi f'kundizzjonijiet ostili. U għalkemm il-Malti wkoll kellu għal xi żmien l-inkwiet intern tiegħu minħabba l-lingwa, is-sitwazzjoni tal-Malti llum m'għandha x'taqsam xejn ma' dik ta' ilsna bħal dawn.

F'diskussjoni bħal din, il-punt tat-tluq, u fl-istess ħin it-terminu ta' referenza, jinsab fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Din mhix it-teorija ta' xi lingwisti jew il-fehma ta' xi edukaturi, mhix ix-xewqa ta' xi attivisti jew il-pjan ta' xi politiċi ... hija r-rieda ċara tal-kotra l-kbira tal-Maltin imfissra fi proċess demokratiku u mirfuda għal darba tnejn mir-rappreżentanti tal-poplu tagħna; hija l-programm maħsub u mfassal għal-lum mill-esperjenza ta' snin ta' maturazzjoni li wasslu l-poplu tagħna għall-identità u l-maturità tiegħu bħala nazzjon.

Tistqarr biċ-ċar il-Kostituzzjoni ta' Malta li f'Malta l-ilsna uffiċjali huma tnejn, il-Malti u l-Ingliż, u li l-Malti waħdu hu l-ilsien nazzjonali.

Imma mil-lingwi ta' minoranza l-Malti jingħażel mhux biss bis-saħħa tal-pożizzjoni uffiċjali tiegħu imma wkoll mill-proċess storiku li wassal għal din il-pożizzjoni. Dan jidher ċar minn dawn il-konsiderazzjonijiet storiċi li se nsemmu u li għandhom iservu bħala sfond għad-diskussjoni kollha dwar il-pożizzjoni tal-Malti llum.

**Il-proċess storiku**

Minkejja l-impressjoni li wieħed jista' jieħu mill-qari ta' rakkonti kritiċi reċenti u ta' letteratura romantiċizzata, jidher li f'Malta sa minn kmieni kellna klima

ta' tolleranza lingwistika kbira. Perjodu wara l-ieħor ta' ġrajjietna jixhed tradizzjoni twila ta' konvivenza ta' lsien ma' ieħor mingħajr konfront. Hekk nafu, per eżempju, li l-Puniku aktarx baqa' jintuża mal-Latin u l-Grieg fil-perjodu Ruman (kif juruna anki l-muniti u l-iskrizzjonijiet), u li l-Għarbi baqa' jitnikker f'Malta sa taħt in-Normanni (kif juruna l-kitbiet fuq l-oqbra tas-seklu 12). Il-koeżistenza ta' lsien Semitiku ma' ieħor Rumanz fil-Medjuevu kompliet tissaħħaħ taħt l-Ordni, meta (kif jgħidulna l-vjaġġaturi li żaru Malta) barra l-lingwa Maltija fil-bliet ta' Malta kont tisma' bosta ilsna mitkellma mill-Kavallieri, li kienu ġejjin minn tmien Lingwi ta' l-Ewropa, u minn dawk ta' madwarhom. L-unità ta' l-Ordni minkejja t-taqsim tagħha f'tant lingwi differenti ma setgħetx ma tħallix effett fuq il-mentalità lingwistika tal-poplu tagħna fis-snin formattivi tiegħu. Tajjeb li wieħed jinnota li mhux minnu li sa dan iż-żmien il-Malti kienu jħarsu lejh bi tkasbir jew li kien hemm xi sforz biex jinsaħaq. Huwa veru li ma kienx imrawwem u miktub, u li għalhekk aktarx li kien meqjus inferjuri ħdejn ilsien il-ħakkiem li kien miktub u mħaddem f'letteratura għanja, imma dawn it-tnejn kienu jgħixu flimkien bla kuntrast għax kull wieħed kien marbut ma' klassi soċjali u ma' kultura differenti: il-klassi tal-ħakkiem li kienet tikteb l-ilsien barrani u l-kotra tal-Maltin li kienu jitkellmu biss bil-Malti. Bejn dawn, il-klassi tal-Maltin ta' livell soċjali u kultura ogħla kellhom bilingwiżmu kompost: waqt li fit-taħdit ta' kuljum jużaw il-Malti, kienu jduru għat-Taljan meta jiddiskutu jew jittrattaw argumenti li jitolbu medda lessikali usa'. Il-Malti mhux talli ma kienx meqjus bi tkasbir, talli mhumiex ftit il-każi li fihom il-klassi ta' kultura għolja jew il-funzjonarji tal-ħakkiem tawh importanza bħala l-ilsien waħdieni tal-kotra tal-Maltin. Nistgħu nagħrfu mill-inqas erba' raġunijiet ewlenin għal dan l-interess fil-Malti: (a) il-ħtieġa immedjata ta' kuntatt mal-kotra tal-poplu li kienet tifhem biss bil-Malti (ara p.eż. l-istruzzjonijiet militari *It-Tagħlim għas-Suldat* ta' l-ewwel nofs tas-seklu 17, bi grammatika u vokabolarju, u l-preferenza li kienet tingħata fl-għażla ta' l-uffiċjali pubbliċi lil min kien jaf bil-Malti); (b) il-kurżità dwar ilsien Semitiku li baqa' ħaj f'kuntest Nisrani minkejja l-influwenza tal-ħakmiet Ewropej (ara p.eż. l-listi ta' kliem Malti miġbura mill-vjaġġaturi barranin); (ċ) l-idoneità ta' din is-sitwazzjoni lingwistika unika għat-tixrid tal-fidi fl-Affrika ta' Fuq (ara p.eż. t-twaqqif ta' l-iskola tal-*Propaganda Fide*); u fl-aħħarnett (d) interess ġenwin fil-Malti bħala lsien (kif jidher, ngħidu aħna, mix-xewqa ta' għadd ta' Kavallieri li jitgħallmu l-Malti: fil-fatt kienu huma li ħajru lil De Soldanis biex jikteb u jippubblika l-grammatika Maltija tiegħu).

Il-Malti u l-ilsien barrani kienu jgħixu flimkien mid-deħra mingħajr konfront.

M'għandniex xi ngħidu, f'din is-sitwazzjoni wieħed jista' jara l-Malti bħala lsien imjassar f'daru stess u maħkum minn ilsien li mhux nazzjonali u li qed jisraqlu l-prestiġju li jixraqlu ... imma x'inhi l-libertà għal min jaċċetta l-jasar tiegħu? Il-Malti, fl-aħħar mill-aħħar, kien tassew bil-bosta ifqar mill-ilsien barrani, ma kellux l-għodda biex jinkiteb u jitrawwem u lanqas il-vokabolarju meħtieġ biex ifisser tant ideat avanzati li kienet qed tagħnih bihom il-kultura barranija. U kien jaċċetta bla lewma l-pożizzjoni li kienet tingħatalu, dik ta' lsien mitkellem tal-kotra. Għalhekk il-figura ta' l-ilsir trid tiftiehem skond il-kunċett taż-żmien u s-sitwazzjoni soċjali li fihom kienet tinsab gżiritna.

## Il-konfront bejn l-ilsna

Il-konfront bejn l-ilsna jibda jidher f'Malta sewwasew meta l-Malti ħa l-kuxjenza tiegħu nnifsu, beda jerfa' rasu u ma riedx joqgħod iktar fil-post li sa issa kien aċċetta bla tgemgim, dak ta' l-ilsien mitkellem biss tal-kotra tal-Maltin. Ried li bi dritt jidħol fl-oqsma li sa issa kienu ta' l-ilsien tal-prestiġju: fl-edukazzjoni, fil-liturġija, fl-amministrazzjoni, fil-qrati u fil-Parlament. Kienu l-ewwel is-sejħiet bikrija u mdawla ta' Vassalli, li waqgħu fuq widnejn torox. Warajh ġew oħrajn: Fortunat Panzavecchia, Francesco Vella, Ġużè Muscat Azzopardi, Manwel Dimech u bosta oħrajn li sostnew li l-post ewlieni ta' lsien nazzjonali, ta' l-ilsien tal-kultura Maltija, jixraq bi dritt lill-Malti. Wieħed jista' jifhem li l-pretensjoni ta' l-ilsir li ntebaħ bil-jasar tiegħu u li ma jridx jaċċettah iktar qajmet sa mill-bidu r-reazzjoni tas-sid li kien dara sitwazzjoni komda: fl-aħħar mill-aħħar, il-kultura għolja Ewropea kienet għadha qatt ma tfissret bil-Malti – il-Malti kien għadu jrid jagħti kont tal-ħila tiegħu fl-oqsma l-ġodda. Il-konfront li tnissel ma' Vassalli għadda mill-fażi ideoloġika għal dik prattika u politika. Il-Malti sar is-sinjal tal-kontradizzjoni; issa beda jissejjaħ "ilsien tal-kċina" u "djalett Semitiku" b'sens ta' tkasbir minn dawk li kienu diġà qed iħossu t-theddida tad-dritt sagrosant tiegħu. Min-naħa tal-moviment tal-Malti ma naqsux pożizzjonijiet xi ftit ibsin u estremi favur is-semitiċità tal-Malti, pożizzjonijiet li, jekk fil-kwadru sħiħ ta' l-istorja swew biex isaħħu d-dritt ta' l-għarfien ta' l-identità Maltija, mil-lat xjentifiku tellfu l-bilanċ ta' moħħ oġġettiv u biered, bilanċ li domna wisq biex ksibnieh mill-ġdid.

Sakemm, wara bosta snin ta' tiġbid bil-Kwistjoni tal-Lingwa, li fiha lagħbu ewlenin il-moviment favur it-Taljan u dak Imperjalista, il-Malti – minn dejjem

ilsien il-poplu – beda jidħol dejjem iktar fis-sistema edukattiva u amministrattiva tagħna sakemm ħa l-post xieraq tiegħu fil-Kostituzzjoni bħala l-ilsien nazzjonali.

## Żewġ ilsna f'kuntatt

Hawn ta' min jirrifletti ftit dwar il-perjodu Ingliż f'Malta u r-rwoli differenti li l-ilsien Ingliż kellu f'pajjiżna matul iż-żmien. Tul l-ewwel seklu qawwi tal-ħakma Ingliża, il-pożizzjoni ta' l-Ingliż fostna kienet x'aktarx dik ta' lsien tal-ħakkiem, merfugħ mill-kotra Maltija, u lsienna – għalkemm kien qed jinkiteb u bil-mod kien qed jirbaħ qasam wara l-ieħor tal-ħajja pubblika – kien għadu jinħass bħala lsien maħkum. Mill-bidu tas-seklu tagħna – jew forsi aħjar mill-gwerer dinjija 'l hawn – il-folja donnha nqalbet. L-Ingliż beda jitqies mill-Maltin bħala lsien internazzjonali u beda jiġbed simpatija dejjem ikbar għas-siwi tiegħu għalina, abitanti ta' gżira żgħira, fil-kuntatti tant meħtieġa tagħna mad-dinja l-kbira. B'hekk il-kotra tal-Maltin bdiet tħaddan żewġ ilsna b'funzjoni differenti: il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali tagħhom u l-Ingliż bħala l-lingwa internazzjonali tal-ħtieġa. Dan ir-rwol ġdid ta' l-Ingliż f'Malta mhuwiex kwalitattivament differenti minn dak li qed ikollu f'pajjiżi Ewropej ikbar minna, li qatt ma kienu taħt il-ħakma Ingliża, għalkemm l-intensità ta' l-effett tiegħu għalissa tinħass wisq ikbar fuq il-Malti bħala lsien ta' komunità żgħira. Illum li Malta hija repubblika indipendenti, huma l-Maltin stess li qed jagħżlu din it-triq tal-bilingwiżmu għax iħossu li hi l-aktar li tiswielhom biex iwettqu lilhom infushom bħala poplu progressiv. Iż-żmien tal-konflitt lingwistiku f'pajjiżna għadda, għalkemm ikollna nistqarru li t-tkarwit tar-ragħad tiegħu kultant għadu jinstema', għad li mbiegħed 'l hemm mix-xefaq.

Illum, għall-ġid u l-progress tas-soċjetà Maltija, irridu naħsbu fil-Malti u l-Ingliż, bir-rwol differenti tagħhom, bħala lingwi f'kuntatt u f'armonija, mhux iktar bħala lingwi f'konflitt. Fil-fehma tagħna, bi ftit ippjanar għaqli, il-Maltin jistgħu jgawdu mhux ftit minn din il-qagħda vantaġġjuża, li toffrilhom mhux biss ilsien nazzjonali li jagħżilhom mill-bqija, imma wkoll ilsien internazzjonali li jgħaqqadhom magħha.

## It-tolleranza lingwistika u kulturali

Mid-diskors storiku li għamilna s'issa joħroġ ċar li s-soċjetà Maltija, imdorrija bil-preżenza tal-barrani fostna, normalment tagħti xhieda ta' tolleranza kbira.

U dan mhux biss fil-qasam lingwistiku imma anki fil-qasam kulturali in ġenerali – anzi forsi din it-tolleranza turiha wisq. Mil-lat antropoloġiku wieħed jista' jgħid li l-preżenza tal-barrani, forsi b'mod inkonxju, tkompli tqawwi s-sens ta' identità li l-Maltin għandhom tagħhom infushom bħala grupp soċjali għalih. Billi d-differenzi fiżiċi normalment huma ċari u kbar, ngħidu aħna f'dawk li huma l-fattizzi bjondi u t-tul tal-persuna tal-barranin li kienu jiġu Malta sa ftit ilu, flimkien ma' l-ilbies, l-imġiba, ir-reliġjon, il-lingwa u karatteristiċi oħra, dan is-sens ta' identità jinħass b'mod solidu mill-Maltin mingħajr ebda sens ta' theddid. Għalhekk il-Malti kapaċi jaddatta ruħu tant li anki jitkellem jew juża l-lingwa tal-barrani bl-ikbar naturalezza, bħalma jagħmel sikwit bl-Ingliż jew bit-Taljan. Tant hu hekk li, 'l hemm minn kull konsiderazzjoni ta' identità, jekk nieħdu l-okkażjoni tal-lum, tinħass ħaġa x'aktarx stramba li nindirizzaw lil din l-udjenza bil-Malti, meta nafu li fiha hemm barranin li ma jifhmux bil-lingwa tagħna. M'għandniex xi ngħidu, meta d-differenzi ma jkunux tant kbar din tkun storja oħra, u jista' jkun li hija din ir-raġuni ewlenija għala ħafna mill-Maltin jenfasizzaw id-distanza li hemm, ngħidu aħna, bejnhom u bejn l-Għarab.

### Forzi kontra l-bilanċ bilingwi

Minkejja s-sitwazzjoni lingwistika vantaġġjuża ta' Malta, li s'issa rajnieha kważi bħala ideali, ma jonqsux forzi li qed jheddu l-bilanċ mixtieq bejn l-ilsna uffiċjali tagħna u jnisslu tfixkil jew firdiet fil-komunikazzjoni bejn il-Maltin stess, u li għalhekk huma ta' theddida għall-iżvilupp kulturali tal-poplu tagħna. Ħalli nsemmu xi wħud minn dawn id-diffikultajiet.

Mhemmx dubju li d-dinamika ta' l-għaqda li tinħass madwarna, u li qed tlaqqa' dejjem iktar fil-qrib ġnus u blokki mbegħdin ġeografikament u kulturalment, hija ta' min ifaħħarha u jħeġġiġha biex tieħu l-kors naturali tagħha. Imma din id-dinamika, mifhuma ħażin u sfurzata artifiċjalment, tista' tkun ta' ħsara għax taħsad il-kulturi nazzjonali minn għeruqhom qabel jilħqu jintegraw helu helu, bħal tesseri differenti fil-mużajk imlewwen ta' l-umanità. M'għandniex xi ngħidu, il-kulturi ż-żgħar (u fil-każ tagħna, il-lingwi tagħhom ukoll) huma esposti l-iktar għal din il-ħsara. Aħna rridu l-għaqda ma' blokki kulturali ikbar, imma rriduha **bħala Maltin**. Il-komunità dinjija ssejħilna biex ningħaqdu magħha, imma tridna bl-identità, bil-kultura u bl-ilsien Malti tagħna li huma l-prodott ta' esperjenza unika f'dawn il-gżejjer qodma. Huwa għalhekk

li llum ghandna fostna r-rappreżentanti ta' akkademja internazzjonali li tieħu ħsieb tfassal il-ġejjieni mqar ta' ilsna żgħar u mwarrba.

Huwa d-dmir qabelxejn tal-mexxejja ta' artna u ta' min ifassal il-politika barranija taghna li jaraw li, fil-kors tat-tressiq taghna lejn komunitajiet akbar, ma nissagrifikawx l-identità taghna. Mhux ghaqli, biex niehdu eżempju żghir imma li jfisser hafna, li fuq il-platform tal-kanzunetta Ewropea titla' tirrappreżenta lil Malta kanzunetta bl-Ingliż, meta kull pajjiż iehor ikanta bl-ilsien ta' l-identità tieghu. Min iwarrab ilsienu f'okkażjoni bhal din ikun qed ixejjer bandiera li mhix tieghu.

Min-naha tal-poplu, il-heġġa biex nimitaw kulturi ta' komunitajiet kbar u influwenti, wirt ta' sekli twal ta' hakma barranija, tista' tkun ukoll theddida serja ghall-identità taghna u ghal ilsienna. Il-Malti minn qaddisu ghandu xehta jimita l-ahhar moda bil-hsieb li jgawdi huwa wkoll mill-progress. Hekk, nghidu ahna, in-nisa Maltin ġeneralment isegwu tista' tghid b'mod skrupluż l-ahhar moda fl-ilbies – jew fin-nuqqas tieghu – ġejja mill-Ewropa, anki meta din ma tkunx taqbel mal-valuri tradizzjonali. Fuq livell iehor, il-Maltin ma jiddejqux jarmu l-gallarija ta' l-injam li żżejjen il-faċċata tad-dar u jibdluha ma' wahda ta' l-aluminju, anki jekk din tistona hafna mal-bqija ta' l-ambjent tar-rahal Malti. Sewwasew kif ghamlu ta' qabilhom meta rmew il-lavur tal-hadid li kien idawwar il-gallarija tradizzjonali miftuha u ghalquha b'kaxxa ta' l-injam żmien ilu.

F'dan is-sens nistghu nghidu li ghandna sitwazzjoni ta' aljenazzjoni kulturali li minhabba fiha kulma hu barrani jista' jidher u jitqies awtomatikament ahjar. Huwa f'dan is-sens li d-dokument li semmejna qabel u li fih il-kriterji Ewropej dwar il-lingwa jista' jiswielna, ghax hafna drabi jiġri li nghixu sitwazzjoni paradossali fejn kulturalment ahna donna minoranza f'pajjiżna stess, tant il-mudelli kulturali barranin qeghdin jaghfsu fuqna bil-preżenza sfiqa taghhom. U fil-qasam lingwistiku wkoll, anki minhabba l-piż ta' l-istorja, jiġri li f'ċerti aspetti l-Malti nittrattawh donnu lingwa ta' minoranza f'pajjiżna stess. Lanqas ma jonqsu każi ta' min jassoċja ż-żewġ ilsna ma' klassijiet soċjali u, b'sens ta' snobiżmu, jaghżel li hu u wliedu jkunu barranin f'arthom stess.

Hawn ukoll inhossu li l-Istat ghandu sehem kbir x'jaghti billi jirreklama l-kultura Maltija f'pajjiżna u barra, u jilqghalha – ghaliex le? – mill-irwiefen ta' influwenzi kulturali esaġerati li qed jheddu li jqaċċtuha minn gheruqha bil-kompetizzjoni sproporzjonata li joffrulha. Ghal dan nissuġġerixxu li titwaqqaf *Akkademja Nazzjonali* li tiġbor, ixxandar u tiżviluppa l-wirt kulturali Malti u

tikkoordina l-ħidma ta' l-għaqdiet li jaħdmu b'riżq il-kultura Maltija fl-oqsma differenti.

Periklu fin u insidjuż huwa li l-Malti nżommuh biss bħala distintiv, bħala għelm jew beġġ li nilbsuh għall-okkażjoni, u li dlonk nniżżluh wara ċ-ċerimonja. Ikun l-ilsien tal-Kostituzzjoni, tal-lapidi, ta' l-eżamijiet pubbliċi, imma dlonk jitwarrab fl-użu tal-ħajja ta' kuljum, fil-ħwienet, fl-uffiċċji u fl-iskejjel tagħna, fir-radju u t-televixin, fl-ittri u l-inviti, fil-*parties*, fuq fomm iż-żgħażagħ tagħna. Ikun iva s-simbolu, imma simbolu biss, bħal kredu li tistqarru bla ma tipprattikah. Jekk lill-Malti fl-imgħoddi għajruh "ilsien tal-kċina," aħna nagħżlu li nieħdu dan bħala kumpliment. Iva, irriduh il-Malti jkun l-ilsien tal-kċina tagħna, tat-toroq u l-ħwienet tagħna, bħalma rriduh ikun fl-uffiċċji, fil-qrati, fl-iskejjel u fl-Università, u fil-Parlament.

Il-Malti lsien ta' komunità żgħira b'orizzonti kbar ta' żvilupp. Jekk il-Malti se nżommuh, irridu nieħdu ħsieb li jitrawwem f'oqsma differenti u li jkollu l-vokabolarju u l-idjoma meħtieġa f'ħajja progressiva. Hemm reġistri, l-aktar dawk ta' l-oqsma l-ġodda tal-ħsieb, tat-teknoloġija, l-elettronika u x-xjenza, li l-Malti mhux armat għalihom. F'bosta oqsma tal-ħajja, il-kelma Maltija qed tintrema bla rażan, u qed toħdilha postha l-kelma barranija: rilessifikazzjoni bla ħtieġa u perikoluża. Jeħtieġ isir pjan organizzat mill-għaqdiet tal-Malti l-ewwelnett biex jinġabar u jibqa' jintuża l-vokabolarju tradizzjonali, imbagħad biex il-Malti jsib ukoll, minnu nnifsu u b'tislif bil-għaqal, il-lessiku meħtieġ għall-medda tal-ħsieb progressiv tal-poplu tagħna, waqt li jibqa' fidil lejn id-dinamika tat-tnissil u s-sintassi li huma tiegħu. Nafu li mhux xogħol ħafif, imma jeħtieġ li jinbeda bla dewmien għax hawn għandna theddida serja għall-kontinwità tal-lingwa, wisq iktar serja minn oħrajn li soltu jħabblulna rasna, bħalma hija l-ortografija. Inkella l-Malti bilfors jibqa' marbut u assoċjat ma' tip ta' ħajja primittiva li armajn għaddiet, u jersaq lejn mewtu ħelu ħelu bla ma jiġġedded. U l-vojt tiegħu jimlieh ħaddieħor.

Fl-aħħarnett, għalkemm il-kunċett tal-minoranza rribattejnieh għal darba tnejn, jeħtieġ li ma ninsewx li fostna teżisti wkoll minoranza li għandha bil-ħaqq id-drittijiet tagħha u li fil-pjani lingwistiċi li nfasslu ma għandhiex titħalla barra. Qed ngħidu għal dik it-taqsima tal-Maltin li, anki f'din is-soċjetà bilingwi, ma tafx titkellem — u forsi tikteb — ħlief bil-Malti. L-istatistiċi jgħidu li huma madwar 16 fil-mija – ċifra li mhix taċ-ċajt; min jagħmilha man-nies jibża' li tista' tkun ikbar sew u jgħid li ma tiġborx fiha xjuħ biss .... Hi kif inhi, huma Maltin li, għalkemm isimhom forsi ma jidhirx wisq fil-paġni tal-ġurnali, qegħdin hemm u jeħtieġ li naħsbu għalihom ukoll. Għax hemm ukoll il-periklu

li fit-tfassil għal-lingwa l-maġġoranza bilingwi tinsiehom u tinjora d-drittijiet tagħhom.

Billi l-analiżi tas-sitwazzjoni tal-Malti fuq skala nazzjonali għadha qed titnieda minn din il-Konferenza, għażilna li matul din it-taħdita nittrattaw l-isfond storiku u xi problemi ġenerali li joħorġu mill-pożizzjoni tal-Malti f'Malta. Nittamaw li dawn jgħinu billi jagħtu l-perspettiva meħtieġa lil tant xogħol siewi li jrid jiġi wara.

*Ħajr mill-qalb lis-Sur Olvin Vella ta' l-għajnuna tiegħu u tal-ħsieb li ħa biex it-test ta' din it-taħdita jiġi ppubblikat.*

*Preżentazzjoni fl-okkażjoni tat-Tieni Konvenzjoni ta' The Malta Press Club, 23 ta' Novembru, 2000, fin-New Dolmen Hotel fuq it-tema "Il-Ġurnaliżmu Malti fis-Sena 2000."*